# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL EWROPEW

## tal-21 ta' Jannar 2014

## li taħtar membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew

(2014/37/UE)

IL-KUNSILL EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 283(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 11.2 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew [3],

Billi:

(1) B'ittra datata s-17 ta' Diċembru 2013, il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew, is-Sur Mario DRAGHI ħabbar id-deċiżjoni tas-Sur Jörg ASMUSSEN li jirriżenja mill-pożizzjoni tiegħu fil-Bord Eżekuttiv qabel tmiem il-mandat tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2019. Ir-riżenja tiegħu saret effettiva mis-7 ta' Jannar 2014. Għaldaqstant jeħtieġ li jinħatar membru ġdid tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew.

(2) Il-Kunsill Ewropew jixtieq jaħtar lis-Sinjura Sabine LAUTENSCHLÄGER li, fil-fehma tiegħu, tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 283(2) tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sinjura Sabine LAUTENSCHLÄGER hija b'dan maħtura membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew għal mandat ta' tmien snin mis-27 ta' Jannar 2014.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Jannar 2014.

*Għall-Kunsill Ewropew*

*Il-President*

H. VAN ROMPUY

---

[1] ĠU C 8, 11.1.2014, p. 1.

[2] Opinjoni mogħtija fis-16 ta' Jannar 2014 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[3] Opinjoni mogħtija fit-8 ta' Jannar 2014 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).